# IL-LOGĦOBA TAL-BULLARI FUQ IS SUR TAT-TOQBA, FIL-BIRGU

**Anton Attard**

Sakemm il-flotta Ingliża kienet tuża l-portijiet tagħna, wieħed mill-aktar imkejjen frekwentati u popolari fil-Birgu kienet ix-xaqliba tas-Sally Port, magħrufa aktar bħala t-Toqba l-Qadima u magħha is-sur u l-wita' qabel tinżel għaliha li konna nsejħulha wkoll 'Fuq Blataforma'.

F'din ix-xaqliba, bosta mill-irġiel u ż-żagħżagħ tal-Birgu, mhux biss qalgħu x'jieklu iżda għaddew ukoll il-biċċa l-kbira tal-ħin ħieles tagħhom. Dan kien aktarx ikun minn wara l-ikel ta' nofs inhar sa ma jasal il-ħin biex isalpaw bid-dgħajjes tagħhom għal taħt l-iskala tal-bastimenti; jew kif kienu jsejħulha "fuq il-venda" jistennew lill-baħrin niżlin 'l art, għal l-ħabta ta' l-4.00 p.m.

Tul dawn is-siegħat, fuq is-Sur tat-Toqba, li qabel il-gwerra kien magħruf għall-luminata li kien jagħmel Bertu Aquilina fl-imħażen li 'llum jinsabu magħluqin, kont issib il-biċċa l-kbira tal-barklori, li bosta minnhom kienu jgħammru fil-qrib fil-post magħruf bħala l-Mandraġġ. Xi wħud minnhom kienu jintasbu bilqegħda fuq it-tarġa tas-sur jitkellmu i jiddiskutu u fl-istess ħin b'għajnejhom miftuħin għal xi baħri, lest biex jiġi 'ċamat' minn dak li jilmħu l-ewwel. Il-barklor li jċama l-baħri jew passiġġier kien ikun dak li lemħu l-ewwel u allura jkollu d-dritt għall-vjaġġ.

Oħrajn kienu jieqfu fuq il-pjattaforma, komunement imsejħa 'blataforma', jaraw u jikkumentaw fuq il-bastmenti li jkunu ħerġin jew deħlin fil-port; kultant ibillu griżimhom b'xi ftit inbid mill-ħanut ta' Bertu (jew dawk li ġew warajh) inkella jinżlu għal xi te' bil-lumi mill-gabbana ta' Ġanni Merċieca, magħruf aktar bħala 'il-bajżu', li dan kellu ħdejn il-baħar kif tinżel it-taraġ tat-Toqba.

Iżda għadd ġmielu, aktarx żgħażagħ, kienu jehdew jilagħbu dik li kienet tissejjaħ "Il-Bullari", logħba speċi ta' "squash", li fil-Birgu ma kienet tintlagħab imkien aktar u sa fejn hu magħruf, f'ebda mkien ieħor f'Malta; għalkemm hemm min jgħid li, għal żmien qasir, tħajru jilagħbuha, mingħajr suċċess, xi Beltin, in-naħa ta' Sant'Iermu. Din il-logħba kienet tintlagħab mal-ħajt tal-monasteru tas-sorijiet, fuq is-simenta bejn il-kantuniera ta' Triq il-Miratur u l-ewwel bieb ta' l-imħażen ta' Bertu, b'dan il-mod: minn żmien għall-ieħor, kien isir sinjal biż-żebgħa tul il-ħajt, għoli madwar tliet filati, li dawk li jkunu jilgħabu kellhom iħabbtu 'l fuq minnu, b'idhom

magħquda f'ponn, ballun tat-tennis li, aktar kienu jsibuh bħala "ballun tal-kamoxxa". Dak li jħabbat il-ballun taħt is-sinjal biż-żebgħa, ma jħabbtu xejn, jew jolqot il-ballun wara li dan ikun ħabat aktar minn darba ma' l-art, kien jitlef punt.

Din il-logħba setgħet tintlagħab raġel kontra ieħor mal-11-il punt, tnejn kontra tnejn mal-15-il punt u tlieta kontra tlieta sa' l-21 punt. Fiha kienet tintuża ċerta strateġija bħal, ngħidu aħna, biex il-ballun jibqa' viċin il-ħajt, flok bil-ponn kien jintlagħab bil-pala ta' l-id. Jew dawk xellugin, waqt il-logħob ma kienu qatt ikunu fuq in-naħa tal- Mandraġġ, iżda jżommu n-naħa ta' blataforma. Waqt il-logħob bejn raġel kontra ieħor, il-ġugatur kien jipprova jitfa' l-ballun in-naħa kuntrarja ta' id l-avversarju. Ir-rebbieħa kienu jieħdu l-ftit soldi li jkunu ħarġu bejniethom dawk li jieħdu sehem, jew dak li ftehmu dwaru qabel bdew jilgħabu.

Qabel il-gwerra, fost l-aħjar lagħaba jissemmew Karmenu Brincat, imlaqqam "il-panokk", Kieli Burdieri "l-arċipriet", Kikku Mizzi - "il-pappa pa", li kien wieħed mill-vittmi li fl-aħħar gwerra tilfu ħajjithom fis-sagristija ta' San Lawrenz u ċertu Johnny Sullivan, magħruf bħala "l-OK". Fost l-aħjar ta' wara l-gwerra nsibu lil aħwa Ferriġġi - Salvu "s-sussu" u Ġużeppi "l-qastni". Ma dawn ta' min iżid lil France Micallef imlaqqam "il-langu".

Malli bdiet tnaqqas il-flotta Ingliża, mit-Toqba, qajl qajl, bdew jgħibu l-barklori u magħhom id-dgħajjes kuluriti tagħhom. Fuq Blataforma safa mitluq, sieket u minsi. U flimkien magħhom intesiet u għebet għal kollox il-Logħba tal-Bullari.



*Fuq is-Sur tat-Toqba jidher il-"Ħajt tas-Sorijiet" li miegħu kienu jilgħabu l-"bullari"*